MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2025

Appell Inferjuri Numru 322/2023 LM

**Alfred Baldacchino (K.I. nru. 245549M),**
**Adelaide Baldacchino (K.I. nru. 299751M),**
**Alfred Baldacchino Limited (C 10418)**
*('l-appellanti')*

***vs*.**

**Maristelle Darmanin (K.I. nru. 279488M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-atturi **Alfred Baldacchino (K.I. nru. 245549M), Adelaide Baldacchino (K.I. nru. 299751M)** u **Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Ottubru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-

Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tal-atturi kontra l-konvenuta **Maristelle Darmanin (K.I. nru. 279488M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] kontra tagħha, kif ġej:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-vertenza billi jilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari, u ċioe illi l-azzjoni hija preskritta* ai termini *tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li jastjeni li jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-atturi u l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuta.*
>
> *L-ispejjeż ta' din il-vertenza titħallas unikament mill-atturi fi kwoti ugwali."*

**<u>Fatti</u>**

2. L-atturi istitwew dawn il-proċeduri bl-iskop li l-konvenuta tirrifondilhom is-somma ta' tliet elef u erba' mitt Euro (€3,400) li ġew trasferiti lilha mill-kont bankarju tagħhom, allegatament ad insaputa tagħhom, u mingħajr il-kunsens tagħhom.

**<u>Mertu</u>**

3. L-atturi fetħu proċeduri quddiem it-Tribunal fejn interpellaw lill-konvenuta tersaq għall-ħlas tal-ammont ta' tliet elef u erba' mitt Euro (€3,400) rappreżentanti somma trasferita lilha mill-kont bankarju tagħhom mingħajr il-kunsens u l-konoxxenza tagħhom. L-atturi spjegaw li din is-somma ġiet f'idejn il-konvenuta wara li din sarrfet erba' ċekkijiet fl-ammont ta' tmien mija u ħamsin Euro (€850) kull wieħed, u żiedu jgħidu li għalhekk hija arrikkiet ruħha indebitament u mingħajr ebda titolu.

4. Il-konvenuta wieġbet li preliminarjament hija mhijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet tal-atturi, u li bejn il-partijiet m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika, kif ukoll li hija m'għandhiex il-kapaċitajiet proċesswali li tirrimedja t-talbiet kif promossi. Qalet ukoll li Alfred u Adelaide Baldacchino fil-vesti personali tagħhom m'għandhomx il-kapaċità proċesswali attiva u l-interess ġuridiku meħtieġ biex jippromwovu din l-azzjoni. Il-konvenuta saħqet ukoll li t-talbiet tal-atturi huma preskritti bit-trapass ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuta eċċepiet ukoll li t-talbiet tal-atturi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, għaliex hija aġixxiet *in buona fede*, u ma wettqet l-ebda att jew ommissjoni li jrendiha passabbli għall-ħlasijiet pretiżi mill-atturi. Qalet li għalhekk hija għandha tiġi liberata *ab observantia iudicii,* bl-ispejjeż kontra l-atturi, u dan billi hija ġiet imħarrka frivolożament u inutilment. Qalet li fi kwalunkwe każ l-allegazzjonijiet tal-atturi u l-pretensjonijiet reklamati minnhom, iridu jiġu debitament ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

5. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru, 2024, ta deċiżjoni preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta:

> *"**Provi prodotti***
>
> *Sema' lil **Maristelle Darmanin** (fn. 4: fol. 25 et seq tal-proċess, xhieda datata 20 ta' Frar, 2024) li ddikjarat li issa kunjomha Grech u dan għaliex iżżewġet. Lill-atturi u lil kumpannija bl-isem ta' Alfred Baldacchino Limited ma tafhomx personalment. F'Awwissu tas-sena 2023 irċeviet ittra bil-Qorti li għandha tagħti l-ammont pretiż mill-atturi. Dawn iċ-ċekkijiet li rċeviet kienu mingħand persuna, ċertu Ivan Bajada u Claire Borg, li kienu jikru mingħandha u li hu kien impjegat tal-kumpannija tal-atturi, erba'*

*darbiet mis-sena li għamlet tikri lil dawn il-persuni kienu ħallsuha biċ-ċekkijiet imsemmija. Hi m'għandha xejn x'tagħti lill-atturi. Kienet tipprovdi servizzi billi tikri u l-inkwilini kienu ħallsuha biċ-ċekkijiet mertu tal-kawża li ġew onorati. Għaliha ma kien hemm xejn ħażin għax ħasbet li kien hemm ftehim u ma kinitx ser toqgħod tidħol fiha. Dawn iċ-ċekkijiet kienu għal kirja li kienu jħallsu, u għarfet iċ-ċekkijiet li kienet sarrfet. L-aħħar ċekk kien datat 10 ta' April u kienet sarrfitu xi erbat ijiem wara. L-ittra li rċeviet mill-Qorti kienet irċevietha xi sentejn u erba' xhur wara.*

*Fil-kontro-eżami qalet li meta kienu jħallsu l-inkwilini kienu jħallsu jew* revolut *jew* cash *minbarra dawn l-erba' ċekkijiet.*

*Sema' lil* ***Lorraine Attard*** *(fn. 5: a fol. 71 et seq tal-proċess, xhieda datata 2 ta' Mejju, 2024) bħala rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc li ddikjarat li l-erba' ċekkijiet huma pagabbli lil Maristelle Darmanin fl-ammont ta' €850. Ċekk numru 13556 skont l-entrata tiegħu jidher li ġie mnaqqas mill-kont ta' Alfred Baldacchino Limited fit-18 ta' Jannar, 2021, ċekk numru 13571 skont l-entrata tiegħu jidher li ġie mnaqqas mill-kont ta' Alfred Baldacchino Limited fl-20 ta' Frar, 2021, ċekk numru 13592 skont l-entrata jidher li ġie mnaqqas mill-kont ta' Alfred Baldacchino Limited fl-20 ta' Marzu, 2021 u ċekk 13599 ġie mnaqqas mill-istess kont fl-14 ta' April, 2021 u ppreżentat kopja ta' ċekkijiet tal-immaġni elettronika kif miżmuma mill-Bank. (fn. 6: Dok. LA1, a fol. 124 et seq tal-proċess). Spjegat li meta dawn ħarġu mill-kont għaliex peress li ssarrfu mill-Bank of Valletta ġew innegozjati l-Bank of Valletta u għalhekk jaf ikun hemm xi ġurnata differenza, però tnaqqsu mill-kont ta' Alfred Baldacchino Limited fid-data li semmiet hija. L-informazzjoni fuq wara taċ-ċekk turi li ssarrfu l-Bank of Valletta u anke li marru għand l-HSBC.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Il-konvenuta eċċepiet it-tielet eċċezzjoni in linea preliminari iżda l-eċċezzjoni preliminari li ser tiġi trattata hija biss it-tielet waħda u ċioé li preliminarjament it-talbiet attriċi huma preskritti bit-trapass ta' sentejn* ai termini *tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-azzjoni odjerna tittratta dwar arrikkiment indebitu fejn erba' ċekkijiet ġew maħruġa fuq il-konvenuta, fejn il-konvenuta qed teċċepixxi l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:*

> "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn."

*Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Margaret Pace u b'digriet tas-16 ta' Marzu, 2012 l-atti ġew trasfużi f'isem Michael Pace, Sandra Pace, Jennifer Camilleri, Josephine Ann sive Joann Pace u Mons. George Mifsud għan-nom u fl-interess tal-imsiefra Mary Victoria Cremona minflok il-mejta Margaret Pace u Mons. George Mifsud f'ismu proprio, kif ukoll bħala mandatarju ta' ħutu assenti, Dr. Frank Mifsud, u Josephine Sukokas vs M. Demajo (Holdings) Limited C 2517*** *(fn. 7: Ċitazzjoni Numru: 814/2008LFS, deċiża fit-12 ta' Marzu, 2013) il-Qorti Ċivili Prim'Awla fuq din il-materja rriteniet:*

L-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li:

"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn".

Dan l-artikolu li preċedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn ħtija jew "culpa" extra kuntrattwali kif imsejħa komunement "Culpa Aquiliana". Din hija applikabbli għal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens ċivili u kważi delitti. Skont il-ġurisprudenza tagħna din il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deċiża fil-31 ta' Ottubru, 1959 mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imħ. Dr. A.V. Camilleri) XLIII-II-789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistgħu jiġu reklamati a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 għandhom ikunu danni li jirriżultaw minn ħtija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu meħtieġ li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-eżistenti.

Fis-sentenza msemmija jingħad: "Illi skont il-ġurisprudenza tagħna, l-artikolu invokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn ħtija jew "culpa" extra-kontrattwali, jew, kif tissejjaħ komunement, "Culpa Aquiliana". Fi kliem ieħor, hija applikabbli għad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens ċivili u kważi-delitti (ara Appell **"J. Camilleri vs Dr. Frendo"**, 22 ta' Frar, 1889; Vol. XII, paġ. 144: Kummerċ "**Calafato vs Muscat"**, 5 ta' Frar, 1893; Vol. XV paġ. 44; P.A. Ċivili "**Simiana vs Fenech**", 14 ta' Frar, 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell **"Scicluna vs Tranny"**, 22 ta' Ġunju, 1900; Vol. XVI, P.I paġ. 151; Kummerċ **"Attard vs Zerafa"**, 24 ta' April, 1906, Vol. XIX-III-106; Appell **"Dr Buhagiar vs De Nicola"**, 30 ta' Jannar, 1911, Vol. XXI-1529; Appell **"Dr Galea Naudi vs Zammit"**, 9 ta' Marzu, 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Ċivili **"Vella vs Fenech"**, 7 ta' Diċembru, 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell **"Tonna vs Smith"**, 7 ta' Novembru, 1932, Vol. XXVIII-I-726; u oħrajn); Illi jingħad ukoll li tant id-dottrina

kemm il-ġurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih (ara Appell 30 ta' Mejju, 1952, **"Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance"**, Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta' Ġunju, 1900, **Scicluna nomine vs Tranny nomine et"** fuq ċitata; Kummerċ 31 ta' Jannar, 1935, **"Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar"**, Vol. XXIX-III92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIIII, Prescrizione, para. 380) ..."

Ara wkoll f'dan is-sens LFS: **Maltacom plc vs Mizzi Alfred et 1/6/04**. Fil-kawża fl-ismijiet **Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas Castle** deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imħallef Dr. Caruana Curran fit-18 ta' Awwissu, 1965 XLIXII-1027 il-Qorti għamlet id-distinzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-danni jidderivaw mill-culpa aquiliana jew mill-kważi delitt għall-preskrizzjoni ta' ħames snin meta d-danni jidderivaw mill-culpa kuntrattwali.

"Il-culpa kuntrattwali tirrikorri meta d-dannu jiġi kaġunat f'rapport extra-kontrattwali, ċioe tillimita ruħha għall-fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew tad-dover ġenerali tan-*neminem laedere* kombinat man-negliġenza taħt l-artikolu 1075, 1076 tal-Kodiċi mentri l-kolpa jew responsabbilità kontrattwali tirrisali għall-kuntratt u hija fundata fuq il-vjolazzjoni tad-**dover tal-prestazzjoni** li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra ... Illi a propożitu ta' dana l-Onor. Qorti tal-Appell fi żmien aktar reċenti (**Busuttil vs Schembri** 19 ta' Frar, 1954 Vol. XXXVIII-I-II paġna 292) waqt li kkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija għallmet ukoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' ħaddieħor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, iżda żiedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jeħtieġ li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-eżistenti, u għalhekk jiddependi miċ-ċirkostanzi, il-ġudizzju jew il-colpa li wieħed mill-kontraenti jaddebita lill-ieħor hijiex kontrattwali jew **aquiliana** u l-konklużjoni tagħha (il-każ kien ta' bini ħażin ta' ħajt minn appaltatur) kienet li l-kolpa fil-preżenza ta' kuntratt, tista' tkun **aquiliana** biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali."

Ara f'dan is-sens ukoll sentenza Prim'Awla 21/06/02 **Santonocito vs Grech**, **Busuttil vs Schembri** Appell 19/02/54, **La Rosa De Cristoforo vs Rouselle** Qorti tal-Appell 17/02/36. Wieħed għalhekk irid jara jekk id-danni derivanti humiex kontrattwali jew extra-kontrattwali. Biex tkun applikabbli l-culpa aquiliana u l-preskrizzjoni relattiva hemm bżonn li l-ħtija ma jkollha ebda rapport dirett mal-kuntratt eżistenti. Meta jkun hemm inadempjenza jew twettiq ħażin tal-obbligi

> emerġenti minn ftehim ma tkunx applikabbli l-culpa aquiliana. Ta' min isemmi li danni magħmulin minn inkwilin ġewwa fond hija suġġetta għall-preskrizzjoni tal-ħames snin billi toriġina bħala riżultat ta' kuntratt.
>
> Ukoll fil-każ tal-culpa aquiliana tiddekorri meta ġara l-fatt illeċitu u mhux mill-jum minn meta l-parti leża ssir taf bil-fatt. Fil-każ tal-preskrizzjoni fuq aġir ta' ksur ta' kuntratt il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni setgħet ġiet eżerċitata. Ukoll, il-preskrizzjoni fost raġunijiet oħra tinkiser ukoll b'att ġudizzjarju preżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid ma jħallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom (Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili).

*Illi għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jevalwa jekk il-każ in diżamina jittrattax* culpa aquiliana. *Jirriżulta illi l-konvenuta sarrfet erba' ċekkijiet fl-ammont ta' €850-il wieħed liema ċekkijiet kienu datati 14 ta' Jannar, 2021, 19 ta' Frar, 2021, 15 ta' Marzu, 2021 u 14 ta' April, 2021. Mix-xhieda tal-konvenuta jirriżulta illi hija qatt ma kellha x'taqsam mal-atturi jew il-kumpannija li ħarġu ċ-ċekkijiet mingħandha. Qalet li taf li hija kienet tikri proprjetà tagħha lil żewġ persuni għal sena u li wieħed mill-inkwilini kien impjegat mal-istess kumpannija, u li huma kienu jħallsu permezz ta'* Revolut *jew inkella* cash*, fejn erba' pagamenti kienu saru permezz ta' dawn l-erba' ċekkijiet. Hi ma rat xejn ħażin meta ħallsu b'dawn iċ-ċekkijiet u fil-fatt kienet sarrfithom u ġew onorati mill-Bank. Għalhekk huwa ċar illi bejn l-atturi u l-konvenuta ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika u għaldaqstant fil-kawża odjerna hija applikabbli l-*culpa aquiliana *u għalhekk tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn.*

*L-artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:*

> Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li liha din l-azzjoni tmiss.

*Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Bajja Limited (C 29707) v. Inna Korelova in rappreżentanza ta' Malta Crown, Russian Boarding School, u l-istess Russian Boarding School u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2010 ġiet kjamata fil-kawża l-kumpannija Russian Boarding Upbringing and Education Centre Limited (C 25671)*** *(fn. 8: Ċitazzjoni Numru 168/2007, deċiża fit-30 ta' Settembru, 2010) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 9: liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Marzu, 2014) fuq din il-materja rriteniet:*

> "Sabiex ikun determinat iż-żmien meta jibdew jiddekorru s-sentejn, trid issir riferenza għall-**Art. 2137 tal-Kap. 16** li jaqra hekk –

"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

"Fil-każ tal-lum, l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata mill-mument li l-perkolazzjoni tal-ilma provenjenti mill-fond adjaċenti bdiet tikkaġuna danni lill-kumpannija attriċi.

"Santino Gauci (direttur tal-kumpannija attriċi) meta xehed quddiem il-perit tekniku fis-27 ta' Marzu, 2008 (fol. 76) qal hekk –

""jien personalment qatt ma avviċinajt lill-konvenuti ħlief fil-bidu xi tliet snin ilu". Dan huwa indikazzjoni ċara ħafna li l-problema tal-perkolazzjoni tal-ilma kienet ilha għaddejja mill-2005 u ċioé sa tliet snin qabel iddepona Santino Gauci. U kien biss fl-2010 li l-kumpannija attriċi talbet li l-kjamata fil-kawża tal-kumpannija Russian Boarding Upbringing and Education Centre Ltd.

"Din il-Qorti tgħid ukoll li ma hemm l-ebda raġuni plawsibbli għala l-azzjoni kontra din il-kumpannija li tirriżulta li kienet il-"persuna" responsabbli mill-bini mnejn kienet ġejja l-perkolazzjoni tal-ilma raġonevolment setgħet tittieħed biss fl-2010. Li kieku saret riċerka kif kellha tkun, il-kumpannija attriċi kienet issib prontament u ċertament fi żmien raġonevolment qasir min tassew kienet il-"persuna" responsabbli tal-bini in kwistjoni mhux tħalli s-snin jgħaddu.

"Għalhekk is-sentejn kienu diġà għaddew meta l-kumpannija attriċi talbet il-kjamata fil-kawża tal-kumpannija Russian Boarding Upbringing and Education Centre Ltd."

*Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-HSBC Bank Malta Plc jirriżulta illi l-aħħar ċekk bin-numru 13599 u ċioé dak datat 10 ta' April, 2021 (fn. 10: a fol. 127 tal-proċess) ġie mnaqqas mill-kont tal-kumpannija Alfred Baldacchino Limited fl-14 ta' April, 2021 u dan hekk kif jidher mill-*bank statement *tal-istess kumpannija. (fn. 11: a fol. 111 tal-proċess) Jirriżulta wkoll illi l-atturi ippreżentaw ittra uffiċjali fis-7 ta' Awwissu, 2023 (fn. 12: a fol. 43 et seq tal-proċess) u ċioé erba' xhur wara l-għeluq tas-sentejn minn mindu ssarraf l-aħħar ċekk. Jirriżulta li l-proċeduri odjerni ġew imressqa fil-11 ta' Settembru, 2023. It-Tribunal ma jara l-ebda raġuni plawsibbli għaliex l-atturi intavolaw il-proċeduri msemmija oltre s-sentejn minn meta ġie imsarraf l-aħħar ċekk, u dan għaliex li kieku saret ir-riċerka kif kellha tkun, l-atturi kienu jindunaw mill-ewwel li kienu ħarġu ċekkijiet intestati f'isem il-konvenuta.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' din l-eċċezzjoni preliminari."*

**L-Appell**

6. L-appellanti ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-30 ta' Ottubru, 2024, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex jissokta bis-smigħ tal-kawża fir-rigward tal-mertu li t-talba tal-attriċi għandha tiġi milqugħa.*
>
> *Bl-ispejjeż għall-intimata appellata."*

7. L-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom isostnu li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn għaliex l-azzjoni hija bbażata fuq il-*culpa aquiliana,* u qalu li l-azzjoni tagħhom hija bbażata fuq l-*actio de in rem verso,* jew l-arrikkiment indebitu.

8. L-appellata wieġbet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Aggravju: [Il-bażi tal-azzjoni tal-appellanti]*

9. L-appellanti spjegaw li kellu jkun ċar li t-talba tagħhom kienet għar-rifużjoni lilhom tal-ammont ta' tliet elef u erba' mitt Euro (€3,400) li ħadet l-appellata, li arrikkixxiet lilha nnifisha indebitament bit-teħid ta' dawn il-flus. Qalu li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 mhijiex il-preskrizzjoni li tapplika għall-azzjoni tagħhom, u li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Qalu wkoll li dan huwa żmien

ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, u għalhekk huwa żmien li jista' jitwaqqaf b'xi wieħed mill-metodi maħsuba fil-liġi, fosthom billi jintbagħat att ġudizzjarju. Qalu li l-ittra uffiċjali mibgħuta minnhom hija wieħed mill-modi kif jista' jitwaqqaf iż-żmien preskrittiv li jista' jkun għaddej, u fi kwalunkwe każ m'għaddewx ħames snin minn meta ssarrfu ċ-ċekkijiet sa meta nfetħet din l-azzjoni.

10. L-appellata qalet li filwaqt li l-appellanti qegħdin jippretendu li t-talba tagħhom hija msejsa fuq l-azzjoni magħrufa bħala dik tal-arrikkiment indebitu, fil-verità ma jirriżultawx l-elementi neċessarji għal tali azzjoni, u t-talba tal-appellanti hija waħda merament għad-danni bbażata fuq il-prinċipju tar-*restitutio in integrum.* L-appellata qalet li mill-atti għandu jirriżulta li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-appellanti, u l-erba' ċekkijiet mertu ta' dawn il-proċeduri kienu ngħataw lilha leġittimament minn ċertu Ivan Bajada u Claire Borg, li kienu jikru post mingħandha. Qalet li dawn il-persuni kienu impjegati tas-soċjetà appellanta, u dawn għoġobhom f'erba' okkażjonijiet iħallsuha l-kera relattiva billi għaddewlha erba' ċekkijiet li kienu ngħatawlhom mill-kumpannija appellanta bħala l-prinċipal tagħhom. Spjegat li hija aċċettat dan il-ħlas u ddepożitat l-istess fil-kont tagħha. L-appellanta qalet li b'daqshekk ma jfissirx li nibtet xi relazzjoni ġuridika bejnha u l-kumpannija appellanta, u lanqas ma jfisser li hija għamlet xi ħaġa illeċita jew li mhux suppost għamlet. Qalet li huwa għalhekk li ma jissussistux l-elementi tal-*actio de in rem verso.* Qalet li huwa paċifiku taħt il-liġi tagħna li persuna tista' tħallas id-dejn ta' ħaddieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1148 u 1149 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda dan ma jfissirx li meta kreditur jitħallas minn terza persuna li ma jkunx direttament id-debitur tiegħu, il-kreditur jitqiegħed fil-mira tal-

arrikkiment indebitu. Qalet li f'każ li l-kumpannija appellanta jidhrilha li għandha tipproċedi għar-riżarċiment jew rifużjoni ta' flus imħallsa minnha, dan tista' tagħmlu biss permezz ta' kawża msejsa fuq danni akwiljani, liema kawża taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn. Qalet li hija ma kkommettiet l-ebda reat, u żgur li m'arrikkietx ruħha indebitament fil-konfront tal-appellanti, iżda semmai għandha titqies li tħallset dejn dovut lilha minn terza persuna *ai termini* tal-artikoli 1148 u 1149 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellata qalet li ladarba ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-appellanti, it-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li għall-azzjoni tal-appellanti, hija applikabbli l-*culpa aquiliana* li ġġorr terminu preskrittiv ta' sentejn.

11. Il-Qorti tqis li qabel tgħaddi sabiex tiddetermina liema hija l-preskrizzjoni applikabbli fil-każ odjern, jeħtieġ li jiġi stabbilit x'tip ta' azzjoni ġiet proposta mill-appellanti. Jirriżulta li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda rabta ġuridika, u fil-fatt l-appellata ġiet fil-pussess taċ-ċekkijiet li eventwalment issarrfu minnha wara li klijenti li kienu fl-impjieg tal-appellanti, għaddewlha l-istess ċekkijiet. L-appellanti jinsistu li l-azzjoni mibdija minnhom hija l-*actio de in rem verso,* filwaqt li l-appellata tgħid li ladarba m'hemm l-ebda rabta ġuridika bejn il-partijiet, l-azzjoni taqa' taħt l-istħarriġ tal-*culpa aquiliana.* Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Christopher Desira *vs.* Gasan Enterprises**[1], fejn il-Qorti ddeċidiet illi:

> *"Ukoll fiż-żmien meta l-imsemmija dispożizzjonijiet ma kinux għadhom daħlu biex jifformaw parti mill-Kodiċi Ċivili, il-Qrati tagħna kienu jitkellmu f'termini illi għall-applikazzjoni tal-arrikkiment inġust id-danneġġjat ma riedx ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-azzjoni kontrattwali u lanqas ir-rimedju akwiljan minn xi fatt illeċitu. Ukoll,*

[1] 26.02.2010.

*lanqas ir-rimedju tar-ripetizzjoni tipika tal-pagament indebitu. Dan għaliex, skont l-istess każistika tal-Qrati tagħna, dak l-arrikkiment* sine causa *kien meqjus bħala fonti per se ta' obbligazzjoni, produttiva għaf-favur tal-persuna impoverita ta' jedd għall-indennizz ta' dik id-diminuzzjoni li hu jkun bata fil-patrimonju tiegħu. Kien jingħad, allura, illi l-azzjoni relattiva tal-arrikkiment kienet waħda residwali u sussidjarja predisposta għall-ħarsien ta' min issubixxa preġudizzju għal liema ma kellux rimedju ieħor."*

12. Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Gaming Operations Limited (C 29897) *vs.* Insignia Cards Limited (C 54426)**, deċiża mill-Qorti tal-Appell[2], fejn il-Qorti elenkat is-segwenti prinċipji dwar fejn tista' tiġi proposta l-azzjoni *de in rem verso:*

*"23. Huwa minnu li l-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ (ara **Edward Callus et v. Alfred Galea et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu, 2011).*

*24. Madanakollu, il-liġi ma tieqafx hemm, iżda tipprovdi wkoll taħt l-**Artikolu 1028B tal-Kodiċi Ċivili**, li l-*actio de in rem verso *ma tistax tiġi eżerċitata meta min ġarrab it-telf, jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu. Illi saħansitra qabel ma daħal fis-seħħ dan il-provvediment tal-liġi (bis-saħħa tal-**Att VIII tal-2007)** kien ilu aċċettat u stabbilit mill-ġurisprudenza li tali azzjoni hija mogħtija lill-persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni* ex contractu *(ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-23 ta' Ġunju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd. v. Victor Balzan**) jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-26 ta' Frar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet **Christopher Desira v. Gasan Enterprises Ltd)**.*

*25. Din l-azzjoni hija msejħa wkoll sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Marzu, 1955 fil-kawża fl-ismijiet **John Seychell v. Emanuele Farrugia** – Kollez. Vol. XXXIX.ii.593) jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*

[2] 16.07.2024.

*tal-10 ta' Diċembru, 1955 fil-kawża fl-ismijiet **Salvatore Zammit v. Giuseppa Farrugia et** – Kollez. Vol. XXXIX.ii.787). ...".*

13. In vista ta' dawn is-sentenzi tal-Qrati tagħna, il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-azzjoni esperita mill-appellanti kellha tkun dik skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-*culpa aquiliana,* u għalhekk it-Tribunal kien korrett meta qies li fil-każ odjern kellha tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn u mhux dik ta' ħames snin. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment estensiv għal dak li ġie deċiż fis-sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Pace Mario *vs.* Corinthia Palace Hotel Company Limited et**[3], fejn ġie stabbilit illi:

> "*Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-**art. 2154 (1)** tal-Kap. 16; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt ('l hekk* imsejħa culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – prinċipju rifless fl-**artikolu 2153** tal-Kodiċi Ċivili; (c) u azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*
>
> *Hu għalhekk paċifiku illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-**Artikolu 2153**, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi '*l'azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risarcimento del danno contrattuale, soggetta quest'ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" **(*Kollez. Vol. XXVIII P.I. p. 726).***
>
> *Illi għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per eż. **"Calafato vs Muscat"**, deċiża fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); **"Naudi vs Zammit"**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawża, **"Borda vs Arrigo Group of Hotels et"**, deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, ġie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' ħames snin jekk id-danni huma riżultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

[3] 13.06.2013.

> *Il-kwistjoni in eżami hija jekk il-kolpa fil-każ preżenti kinitx kontrattwali jew extra-kuntrattwali/aquiliana naxxenti mid-delitt jew kważi-delitt.*
>
> *…*
>
> *Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilità kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif ġie deċiż fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **"Vassallo vs Mizzi et"**, deċiża fid-9 ta' April, 1949 (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entità tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa* aquiliana*, li titnissel minn delitt jew kważi-delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija* aquiliana *tippresupponi fatt li minnu titnissel* 'ex nunc'. *In kwantu għall-grad id-differenza hija ripostq fl-estensjoni tar-responsabbilità fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skont il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilità testendi ruħha b'mod li dwarha m'hemmx grad."*

Għaldaqstant u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi tiċħad l-aggravju tal-appellanti, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**